# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru: 22**

**Illum 9 ta' Frar, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1075/2023 HM**

**Hoss Holding Limited**

**v.**

**Av. Maria Karlsson u PL Katrina Zammit Cuomo**
**kuraturi deputati tas-soċjetà Energy Concepts International Ltd,**
**soċjetà inkorporata u reġistrata fil-British Virgin Islands**
**b'uffiċju reġistrat f'1, Palm Gove House, Wickham's Cay 1,**
**Road Town, Tortola, British Virgin Islands, b'numru**
**tar-reġistrazzjoni 420489**

**Daħla**

1. F'din il-kawża, Hoss Holding Limited ("Hoss") tallega li Energy Concepts International Ltd ("ECI") qiegħda żżomm ishma f'kumpannija oħra[1] taħt kustodja (*in trust*) għall-benefiċċju ta' Hoss, u qiegħda titlob rimedji f'dan ir-rigward.

[1] Ada Enterprises (Pty) Limited, kumpannija reġistrata fl-Afrika t'Isfel.

2. Din mhix l-unika kawża bejn il-partijiet dwar din il-kwistjoni, u lanqas hi l-ewwel waħda. Bejn il-partijiet f'din il-kawża, u partijiet relatati, hemm pendenti proċeduri fil-British Virgin Islands ("BVI") u fl-Afrika t'Isfel. Il-proċeduri fil-BVI tressqu minn Hoss u qed jissoktaw minkejja li Hoss tippretendi li ġabithom fi tmien billi rtirathom. Il-proċeduri fl-Afrika t'Isfel kienu ġew sospiżi bi ftehim, u dan biex jistennew id-determinazzjoni tal-proċeduri fil-BVI.

3. Kif indikat, Hoss issostni li l-proċeduri fil-BVI m'għadhomx validament viġenti għaliex hi ċediethom, għal darba darbtejn. Tgħid li ċediethom u, minflok, ressqet dawn il-proċeduri, għaliex

> " ... [ECI] naqset milli tipprezenta d-difiza taghha ghat-talbiet ta' [Hoss] quddiem il-Qorti tal-British Virgin Islands, difiza li giet pprezentata fil-15 ta' Diċembru, 2023 ... Di pju kien qieghed jirrizulta car mill-ordnijiet li kienu qeghdin jinghataw mill-Qorti tal-British Virgin Islands li d-drittijiet tas-socjeta [Hoss] ma kienux qeghdin jigi protetti u salvagwardati b'ekwita u li dan il-komportament barra li kien jilledi d-drittijiet tas-soċjeta [Hoss] kien pregudizzjevoli ghall-interessi taghha."[2]

4. ECI ssostni li l-proċeduri quddiem din il-qorti huma vessatorji u tressqu b'abbuż ta' dritt.[3] Tgħid ukoll li jekk Hoss tissokta bihom, hi tkun qed tikser *anti-suit injunction* maħruġa mill-Qorti tal-BVI kontra Hoss u oħrajn, fosthom l-avukat Valletta li jirrappreżentatha.

5. Minħabba f'hekk ECI ressqet rikors fid-19 ta' Diċembru 2023 (ir-"Rikors") li bih, permezz tal-mandatarju tagħha l-avukat Joseph Camilleri,[4] talbet:

   a. li din il-kawża tiġi differita *sine die* sakemm tingħata sentenza finali mhux soġġetta għal appell ulterjuri fil-proċeduri li kienu nfetħu fil-BVI fid-17 ta' Marzu 2023 minn Hoss, li hemm riferenza iktar ampja għalihom f'para. 1 tar-Rikors (il-"Proċeduri fil-BVI"); u/jew

---

[2] Risposta, paġ. 2

[3] Rikors, para. 36

[4] Hoss qajjmet kwistjoni dwar il-pożizzjoni ta' l-avukat Camilleri bħala mandatarju ta' ECI (ara paġ. 1 tar-Risposta). Għalkemm mandat verbali hu permess mill-liġi, l-avukat Camilleri ppreżenta kopja tal-mandat bil-miktub flimkien man-nota tiegħu tad-19 ta' Jannar 2024. In kwantu għall-*locus standi* tiegħu, punt ieħor mqajjem minn Hoss, il-qorti tosserva li skont l-art. 180(1) tal-Kap. 12 il-preżentata tal-iskritturi tista' ssir minn kull wieħed mill-persuni hemm elenkati, u li ma jidhirx li hemm xejn x'iżomm parti milli tqabbad persuni differenti biex jippreżentaw skritturi differenti, dejjem jekk dawk il-persuni jaqgħu fil-parametri tal-lista. Dr Camilleri jikkwalifika bħala prokuratur ta' persuna li tinstab barra minn Malta, allura jaqa' fl-ambitu tal-para. (a) tal-art. 180(1), u għalhekk seta' jippreżenta l-att hu stess. Jiġi osservat, però, li r-Rikors ġie ppreżentat mill-P.L. Silvana Vella, li taqa' fl-ambitu tal-para. (b) tal-art. 180(1). Jsegwi li r-Rikors ġie ppreżentat skont il-liġi.

b. li din il-qorti testendi b'mod indefinit kwalunkwe terminu applikabbli li fih, skont l-art. 158(1) tal-Kap. 12, ECI kieku tkun obbligata tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha f'dawn il-proċeduri; u

c. li din il-qorti tagħti kull ordni jew direzzjoni anċillari oħra li jidhrilha opportuna fiċ-ċirkostanzi.

6. Hoss ippreżentat risposta għar-Rikors fit-3 ta' Jannar 2023 (ir-"Risposta"). ECI irrispondiet mistoqsijiet tal-qorti dwar ir-Risposta permezz ta' nota mressqa fid-19 ta' Jannar 2024; u, bi qbil mal-avukati tal-partijiet, il-qorti semgħet sottomissjonijiet ulterjuri fit-30 ta' Jannar 2024, permezz ta' *videoconference.*

7. Dan hu digriet dwar ir-Rikors.

**It-talba għal differiment mingħajr data**

8. L-ewwel talba ta' ECI hi biex din il-qorti tiddifferixxi din il-kawża mingħajr data jew, kif jingħad, *sine die*, sakemm jintemmu l-Proċeduri fil-BVI. Hoss fehmet din it-talba bħala eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*; jew aħjar 'essenzjalment' bħala eċċezzjoni f'dan is-sens imma imressqa fir-Rikors, minflok f'risposta ġuramentata. Tibni, fuq din il-bażi, numru ta' argumenti, li jistgħu jitfissru fil-qosor kif ġej: (i) l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* kellha titressaq f'risposta ġuramentata, u ma setgħet qatt titressaq f'rikors bħal dak li għandha quddiemha l-qorti; u (ii) biex tingħata din l-eċċezzjoni irid ikun hemm, fost affarijiet oħra, kawżi pendenti kontestwalment bejn l-istess partijiet, li mhux il-każ għaliex il-kawża fil-BVI ġiet ċeduta; u (iii) f'kull każ, f'dawk il-proċeduri hemm kjamati fil-kawża li mhumiex partijiet f'din il-kawża, li jfisser li l-partijiet mhumiex identiċi u, għalhekk, l-eċċezzjoni ma tistax tirnexxi.

9. Imma ECI ma ressqitx it-talba tagħha a bażi tal-art. 792 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu ma ssemmiex fir-Rikors. Minflok ECI straħet fuq l-art. 964 tal-Kap. 12 bħala l-bażi, fid-dritt proċedurali, għal din it-talba. Dan ġie anki kkonfermat minn ECI meta saret il-*videoconference* fit-30 ta' Jannar 2024.

10. Il-qorti mhix konvinta li l-art. 964 joħloq id-dritt għar-rimedju mitlub għaliex, kif tifhimha hi, l-art. 964 ma jagħtix diskrezzjoni biex kawża tiġi differita jew sospiża, imma sempliċiment jirregola l-konsegwenzi ta' differiment jew sospensjoni. Id-diskrezzjoni li kawża tiġi differita jew sospiża trid, fil-fehma tal-qorti, toħroġ minn dispożizzjoni oħra tal-liġi. Kif ġie indikat waqt il-*videoconference*, il-qorti jidhrilha li din id-dispożizzjoni tinstab, fil-fatt, fl-art. 742(2) tal-Kap. 12, li jiddisponi hekk:

> "Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li qorti barranija tkun qegħda tittratta l-istess kawża jew kawża li għandha x'taqsam magħha. Meta qorti barranija jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti, il-qrati jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom, jilliberaw lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju jew iwaqqfu l-proċedimenti f'każ li l-azzjoni, jekk titkompla Malta, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-konvenut."

11. Issa ma hemm xejn li jirregola kif għandha ssir talba f'dan is-sens, jew meta tista' ssir; anzi, lanqas jidher li hemm bżonn ta' talba, tant li jista' jkun li din id-diskrezzjoni tista' tiġi eżerċitata mill-qorti minn jeddha. Imma dan il-punt m'hemmx għalfejn jiġi diskuss f'dan id-digriet, għaliex talba saret, u għalkemm ma saritx b'riferenza speċifika għal din id-dispożizzjoni, il-qorti tqis li r-referenza minn ECI għall-vessatorjetà tal-kawża hi suffiċjenti u li, f'kull każ, din hi regola proċedurali tas-sura li tinkwadra fil-kunċett ta' *ordre public*, u li għalhekk tista' tiġi applikata anki jekk ma tiġix invokata espressament.

12. Dan ifisser li l-argumenti ta' Hoss imsejjsa fuq il-premessa li r-rimedju mitlub kien ibbażat fuq l-art. 792 tal-Kap. 12 m'għandhomx mis-sewwa u, konsegwentement, iridu jiġu skartati. L-istess jingħad dwar l-ilment ġeneriku ta' Hoss fis-sens li t-talbiet ta' ECI għandhom minn natura ta' eċċezzjonijiet dilatorji u li, bħala tali, kellhom jitressqu permezz ta' risposta ġuramentata. Kif rajna, ma hemm ebda proċedura speċjali li trid tiġi segwita biex issir talba għall-finijiet ta' l-art. 742(2), dejjem jekk talba trid issir; u lanqas hemm żmien li fih tali talba trid issir.

13. Ngħaddu issa għall-argumenti sostantivi ta' Hoss biex tilqa' għat-talba. Fil-qosor, dawn huma s-segwenti:

a. Il-kawża fil-BVI ġiet ċeduta (darbtejn) u, għalhekk, l-Qorti ta' dak il-pajjiż ma setgħetx tkompli għaddejja bil-kawża;
b. Il-Qorti tal-BVI ma tat ebda raġuni għar-rifjut taċ-ċessjonijiet, nuqqas li fih innifsu jilledi d-drittijiet fondamentali ta' Hoss. Ukoll, l-ordnijiet ingħataw

> 'minghajr l-ghoti ta' opportunita lill-persuni li lejhom kienu mirati dawn l-istess ordnijiet li jsemmaw lehinhom.'

14. Hoss donnha qiegħda tippretendi li din il-qorti tiddeċiedi x'inhi l-liġi tal-BVI, u kif kellha tiġi applikata mill-qorti ta' dak il-pajjiż. Din hi sottomissjoni fiergħa, u l-qorti tqis li, bħala tali, qatt ma jmissha saret.

15. L-argument ta' Hoss dwar id-drittijiet fondamentali tagħha hu ugwalment fiergħ. Is-sottomissjoni li din il-qorti tista' u għandha tqis l-aġir tal-qorti tal-BVI - addirittura mill-perspettiva tad-dritt kostituzzjonali Malti – hi assurda. Mingħajr ma timplika li tista' jew għandha tidħol fil-mertu ta' dan l-argument, il-qorti żżid is-segwenti: (i) mhux minnu li l-Qorti tal-BVI ma semgħetx x'kellha xi tgħid Hoss: Hoss kienet preżenti waqt is-smigħ tas-6 ta' Ottubru 2023 meta dik il-Qorti qieset kemm it-talba għal *anti-suit injunction* u l-pretensjoni ta' Hoss li hi kienet ċediet il-proċeduri; u (ii) it-talba li għandha quddiemha l-qorti mhix biex Hoss titneżża minn xi dritt - anki proċedurali - li jista' għandha, imma biss li din il-kawża tiġi sospiża sakemm jinstema' l-każ tagħha, fuq l-istess mertu, fil-BVI, fejn il-każ

a. għadu ħaj, u hu in effett identiku għal dak preżenti;
b. kien ippreżentat qabel dak preżenti; u
c. ġie ppreżentat minn Hoss stess, mhux minn ECI.

16. Issa l-fatt li l-oġġezzjonijiet ta' Hoss m'għandhomx mis-sewwa ma jfissirx li t-talba ta' ECI hi waħda li għandha bilfors tintlaqa'. Xorta jrid jintwera li din il-kawża, jekk titkompla, tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għal ECI.

17. L-*iter* ta' dak li seħħ fir-rigward tat-tilwima hu spjegat b'mod dettaljat fir-Rikors. Is-sommarju li ġej hu meħud mir-Rikors, u dan billi hu, fil-parti l-kbira dokumentat, u billi ma ġiex sostantivament kontradett minn Hoss in kwantu l-ispjegazzjoni hi fattwali (ħlief kif jingħad).

18. L-ewwel ma ġew istitwiti kienu proċeduri fl-Afrika t'Isfel. Dawn il-proċeduri ġew sospiżi bi qbil fil-15 ta' Mejju 2023 sabiex jistennew id-determinazzjoni finali tal-Proċeduri fil-BVI li tressqu minn Hoss fis-17 ta' Marzu 2023. Dak mitlub fil-Proċeduri fil-BVI jidher li, sostantivament, hu l-istess bħal dak mitlub f'din il-kawża. Billi ECI tgħid li għandha dubji serji dwar (kopji ta') dokumenti mressqa minn Hoss fil-Proċeduri fil-BVI, hi tat avviż ta' spezzjoni tad-dokumenti oriġinali, skont il-liġi tal-BVI. Billi l-ispezzjoni ma saritx, ECI talbiet u ottjeniet ordni ta' spezzjoni mill-Qorti tal-BVI. Hoss oġġezzjonat għall-ordni iżda, eventwalment, aċċettat li l-ispezzjoni ssir f'Malta. Iżda, qabel ma setgħet issir l-ispezzjoni, Hoss 'ċediet' il-proċeduri fil-BVI; u, fl-20 ta' Settembru 2023, ressqet din il-kawża.

19. Fid-dawl ta' dan, ECI talbet *temporary anti-suit injunction* fuq bażi *ex parte* fis-27 ta' Settembru 2023. Il-Qorti tal-BVI laqgħet it-talba u tat ordni fil-5 ta' Ottubru 2023 li, essenzjalment, kien jorbot lil Hoss biex ma tieħux passi ulterjuri fil-proċeduri preżenti. Din l-ordni kienet sakemm isir smigħ *inter partes* fis-6 ta' Ottubru 2023, jiġifieri l-għada tal-ordni temporanja.

20. Hoss kienet rappreżentata fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023. L-eżitu kien li l-Qorti (i) kkonfermat l-ordni tal-5 ta' Ottubru 2023; (ii) ddikjarat li ċ-ċessjoni (dupliċi) tal-Proċeduri fil-BVI kienet invalida u ineffettiva u, kwindi, li l-Proċeduri fil-BVI ma kienux intemmu; u (iii) tat ordni lil Hoss biex tħalli l-ispezzjoni ssir, u dan apparti ordnijiet oħra.

21. ECI tgħid li l-ordnijiet tal-5 u tas-6 ta' Ottubru 2023 ġew notifikati lil Hoss u pprovduti lill-persuni l-oħra li lilhom kienu indirizzati. Dan mhux aċċettat minn Hoss bħala fatt, billi Hoss issostni li n-notifika ma saritx bil-formalitajiet meħtieġa; imma ma hemmx dubju, minn dak li ġara wara u ċirkostanzi oħra, li Hoss kienet taf bl-ordnijiet in kwistjoni meta, jew immedjatament wara, li ngħataw.[5]

22. Fis-27 ta' Ottubru 2023 ġiet ippreżentata nota fl-atti ta' din il-kawża minn Vertical Group Holding Limited u Ruth Agam, it-tnejn rappreżentati mill-avukat Valletta, kemm bħala prokuratur u kif ukoll bħala avukat. Fiha qalu li 'in vista tal-assenjazzjoni ta' drittijiet u ta' obbligazzjonijiet litiguzi tas-socjeta rikorrenti Hoss Holding Limited' huma kienu 'qeghdin jassumu l-atti f'dan ir-rikors ġuramentat minflok is-socjeta Hoss Holding Limited'. Ma ġiet prodotta ebda prova ta' din l-assenjazzjoni, u din in-nota għad trid titqies mill-qorti.[6]

23. ECI talbet lill-Qorti tal-BVI testendi l-ordni tas-6 ta' Ottubru 2023 u biex tagħti ordnijiet relatati, fosthom biex Hoss u oħrajn jitwaqqfu milli jopponu t-talba li għandha quddiemha l-qorti. Wara seduta li nżammet fl-14 ta' Diċembru 2023 (li jidher li Hoss ma kienitx rappreżentata fiha), il-Qorti tal-BVI ħarġet l-ordni li kopja tagħha hi annessa mar-Rikors. Jidher li din ġiet komunikata, jekk mhux ukoll notifikata, lil Hoss, lill-avukat Valletta u lill-persuni l-oħra li lilhom kienet diretta.

24. Kien fid-dawl ta' dan kollu li ECI ressqet ir-rikors li qed jiġi trattat f'dan id-digriet.

---

[5] Ara, per eżempju, para. 9 tar-Rikors.
[6] Ara, f'dan ir-rigward, para. 31 tar-Rikors.

25. Kif ingħad aktar 'l fuq, Hoss ma kkontestax il-fatti dwar l-*iter* proċedurali. Tqajjem biss punti ta' natura proċedurali, kif indikat, u tgħid li l-Qorti tal-BVI ma mxietx magħha b'ekwità u ġustizzja. Dwar il-punti proċedurali, dak dwar iċ-ċessjoni diġà ġie eżaminat. Dak dwar in-nuqqas ta' notifika formali, jidher li dan jirrigwarda l-ordni ta' Diċembru 2023 in kwantu dan ġie 'notifikat' permezz ta' posta elettronika. Din il-qorti ma tafx jekk, skont il-liġi tal-BVI, tali komunika tgħoddx bħala notifika. B'danakollu, il-punt f'dan il-kuntest mhux wieħed ta' importanza għaliex (i) il-kawża fil-BVI bdietha Hoss stess u għalhekk il-qorti tifhem li għandu jkollha interess issegwiha; (ii) il-qorti ma tistax tinjora l-fatt, meta qiegħda teżerċita il-poter diskrezzjonali skont l-art. 742(2) tal-Kap. 12, li Hoss u l-avukat tagħha kienu jafu bl-ordni meta, jew ftit wara li, ngħatat, anki jekk ma tirriżultax notifikata formali; u (iii) il-qorti trid tqis il-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha meħuda fil-kuntest sħiħ, u mhux fatt, jew nuqqas (jekk hu nuqqas), iżolat.

26. Dwar ix-xilja li l-Qorti tal-BVI ma mxietx b'ekwità u ġustizzja, il-qorti trid dejjem titlaq mill-assunzjoni li kull qorti timxi kif għandha timxi. Il-prova kuntrarja, għalkemm mhux eskluża *a priori*, trid tkun waħda konvinċenti ferm biex tegħleb din l-assunzjoni, għaliex hi ħaġa rarissima, u għalhekk inerentement inverosimili, li qorti ma timxix kif suppost. Hoss mhux biss ma ressqet ebda prova f'dan is-sens, imma l-*iter* proċedurali (inkontestat) ma jagħti ebda indizzju, wisq anqas prova, kontrarja. Kollox jindika, kif il-qorti trid tassumi, li l-Qorti tal-BVI mxiet skont il-liġi tal-BVI.

27. Skartati l-oġġezzjonijiet ta' Hoss anki f'dan ir-rigward, jibqa' biss li jiġi kkunsidrat jekk, fiċ-ċirkostanzi, t-tkomplija ta' din il-kawża tkunx vessatorja, oppressiva jew inġusta fil-konfront ta' ECI.

28. Kif rajna, il-proċeduri fil-BVI nbdew minn Hoss stess, ferm qabel din il-kawża; u minkejja dak li tgħid Hoss, għadhom viġenti, għaliex il-Qorti tal-BVI hekk iddikjarat. Dawn il-fatti weħidhom huma biżżejjed biex din il-qorti tiddikjara li t-tkomplija ta' din il-kawża tkun inġusta fil-konfront ta' ECI, li m'għandhiex tkun obbligata li tirrispondi għall-istess xilja quddiem żewġ qrati, f'żewġ pajjiżi differenti, bi spiża doppja, u b'riskju ta' eżitu differenti.

29. Li kieku dan ma kienx biżżejjed, l-*iter* li tiegħu ngħata sommarju aktar 'l fuq juri li jekk ma tkunx oppressiva, t-tkomplija tal-kawża tkun, apparti inġusta, vessatorja. Kif rajna, meta il-kawża li ressqet Hoss stess fil-BVI ma bdietx sejra kif xtaqet - għaliex il-Qorti ordnat l-ispezzjoni ta' dokumenti oriġinali li, evidentement, ma riedItx li jkunu spezzjonati - Hoss ittentat tirtira dik il-kawża, u istitwiet din il-kawża minflokha, f'eżerċizzju ovvju ta' *forum shopping*. Meta l-Qorti tal-BVI ħarġet *anti-suit injunction* temporanja, Hoss ittentat tikkonvinċi lil dik il-Qorti tirtiraha jew ma żżommhix fis-seħħ. Imma l-Qorti sabet kontriha; u sabet ukoll li s-suppost ċessjoni ma kienitx tiswa. Tatha ukoll ordni (oħra) biex tippermetti l-ispezzjoni. Hoss mhux biss ma obdietx l-ordnijiet imma rat kif għamlet biex tevitahom. Kemm hi, u kif ukoll l-avukat tagħha, injoraw ukoll

l-ordni biex ma jissoktawx b'din il-kawża, u biex ma jopponux it-talba għat-twaqqif tagħha, minkejja li jafu biha.

30. Għal dawn ir-raġunijiet l-qorti ssib li hemm raġunijiet biżżejjed biex twaqqaf din il-kawża skont l-art. 742(2) tal-Kap. 12. Fid-dawl ta' dan, il-qorti m'għandhiex għalfejn tqis it-tieni talba ta' ECI.

Għalhekk din il-qorti qiegħda b'dan id-digriet twaqqaf din il-kawża (i) sakemm il-Proċeduri fil-BVI jintemmu b'sentenza finali li ma tkunx soġġetta għal appell, jew jintemmu bi ftehim, jew jiġu validament u finalment ċeduti, jew (ii) sakemm din il-qorti ma tagħtix ordni biex din il-kawża titkompla minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi li tiġġustifika l-istess, u dan fuq talba b'rikors ta' waħda mill-partijiet, jew fuq talba konġunta.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Registratur